MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
MARK CHETCUTI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 345/2008/2

**Mark Bugeja, Martin Borg Bonello Cole,
Austin Demajo u Joseph Pullicino f'isimhom proprju u fl-isem u l-interess tad-ditta Grant Thornton u
b'digriet tat-30 ta' Jannar 2013
l-atti tal-kawza ta' Martin Borg Bonello Cole gew trasfuzi
f'isem ibnu Carl Bonello Cole u
b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2013
il-kunjom ta' Martin Borg Bonello Cole gie koregut biex jaqra Bonello Cole**

**vs**

**Geoffrey Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni tar-ritrattandi mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Marzu 2012 fejn dik il-Qorti laqghet l-appell ta' Geoffrey Camilleri mis-setnenza tal-

Qorti tal-Magistrati tat-22 ta' Frar 2011 u cahdet it-talbiet tal-atturi Bugeja et;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-28 ta' Gunju 2013 rigward l-ewwel parti tar-rikors ta' ritrattazzjoni cioe dik tat-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Marzu 2012 cioe l-parti 'in rescindente'. B'din is-sentenza in rescindente l-Qorti tal-Appell laqghet l-ewwel parti tar-rikors ta' ritrattazzjoni u hassret u rrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Marzu 2012 billi f'dik is-sentenza giet applikata hazin il-ligi (art. 811(a) tal-Kap. 12). Il-Qorti ddifferit ir-rikors ta' ritrattazzjoni sabiex jigi deciz it-tieni parti tal-procedura ta' ritrazzjoni cioe l-parti 'in rescissorio';

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors ta' ritrattazzjoni fil-fazi 'in rescissorio' thalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jigi osservat fl-ewwel lok illi fl-istadju li tinsab il-vertenza cioe l-parti tar-rikors ta' ritrattazzjoni 'in rescissorio', il-partijiet tpoggew fil-pozizzjoni illi bit-thassir u revoka tas-sentenza tal-appell tad-29 ta' Marzu 2012, l-appell originali mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-29 ta' Marzu 2012 ghandu jigi trattat u mismugh mill-gdid fil-mertu tieghu. Dan jinghad b'eccezzjoni wahda cioe li din il-Qorti hi marbuta bid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-parti 'in rescindente' tar-rikors ta' ritrattazzjoni li jaghmel stat bejn il-partijiet u jorbot din il-Qorti.

Dik is-sentenza cioe tat-28 ta' Gunju 2013, stabbiliet illi l-artikolu 19 tal-Kap. 452 li fuqu giet bazata s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Marzu 2012 ma kienx applikabbli ghal kaz u illi in prattika l-klawsola ta' impjieg li waslet ghall-origini tal-vertenza ma kinitx taqa' fil-parametri ta' 'multa' kif irid l-artikolu 19 tal-Kap. 452 izda ta' danni pre likwidati u ghalhekk ma kienx jinnecessita l-kunsens tad-Diretturi tax-Xoghol ghall-impozizzjoni tal-kondizzjoni kif irid l-istess artikolu. Din il-Qorti hi marbuta

b ’dan il-gudikat u sa fejn jasal biss dan il-gudikat. Ghall-bqija l-appell ghadu miftuh qisu ser jigi ezaminat mill-gdid fuq l-aggravji l-ohra mressqa u r-risposti li saru.

Kif intqal fid-decizjoni riportata a Vol XXII pIII p235, “il gudizio di ritrattazione ha un doppio oggetto: quello di fare annullare una sentenza passata tra le parti in giudicato, e l’altro di riaprire la trattazione della causa e provocare una altra sentenza, e si compone di due stadi distinti da non confondersi l’uno coll’altro, detti dei pratici il rescindente ed il rescissorio”.

Fi kliem iehor, “oggett tal-ewwel stadju hu li tigi annullata s-sentenza bejn il-partijiet li tkun saret gudikat; skop tat-tieni stadju hu li terga’ ssir it-trattazzjoni tal-kawza u tigi moghtija sentenza gdida.” (Vol XLVI pI p90).

Stabbilit dan, din il-Qorti ser tikkunsidra l-aggravji tal-appell ta’ Geoffrey Camilleri mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-22 ta’ Frar 2011 li kienet laqghet it-talbiet attrici.

Il-kwistjoni kollha tirrigwarda l-effett li ghandu jinghata lil klawsola 7.5 tal-ftehim ta’ impjieg li kien hemm bejn is-socjeta attrici bhala l-principal u l-konvenut bhala impjegat. Din il-klawsola tghid hekk:
The employee cannot take up employment, for a minimum period of two years after date of termination of employment with the Firm, with any person, firm or company who for two years prior to the termination of this Agreement were clients of the Firm. In such case the parties agree that the Employees will pay the Firm by way of agreed damages the sum of two thousand Maltese Liri (Lm2000).

Hu pacifku bejn il-partijiet illi l-konvenut wara li temm l-impjieg tieghu mas-socjeta attrici u entro l-perjodu ta’ sentejn mar jahdem mal-MFSA li ghal perjodu ta’ sentejn qabel tmien l-impjieg tal-konvenut kienet klijenta tas-socjeta attrici. Hu pacifku wkoll illi l-impjieg mal-MFSA ma kienx ta’ senior auditor kif kien mas-socjeta attrici izda gie impjegat fid-divizjoni responsabbli mis-supervizjoni tal-

assigurazzjoni u l-pensjonijiet u m'ghandux x'jaqsam ma' xoghol ta' awdituri jew kontabilita fi hdan l-MFSA.

In risposta ghall-kawza intentata mis-socjeta attrici bbazata fuq il-ksur kontrattwali u kwindi l-obbligu tal-hlas ta' danni pre likwidati, l-konvenut eccepixxa li:
1. Ma kiser ebda kundizzjoni tal-kuntratt;
2. Il-kundizzjoni ma kinitx mibnija fuq l-intenzjoni li l-konvenut ma jahdimx ghal sentejn;
3. L-impjieg tal-konvenut bhala senior auditor hi tali li ma hemmx rapport ta' service provider u klijent u ghalhekk din il-klawsola mhix applikabbli.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tqajmu mill-konvenut zewg kwistjonijiet ohra cioe li l-klawsola kienet 'in restraint of trade' u illi tivvjola l-artikolu 19 ta' Kap. 452. Ghal dawn is-sottomissjonijiet irrispondiet is-socjeta attrici billi fl-ewwel lok irrelevat li dawn il-kwistjonijiet qatt ma tressqu qua eccezzjonijiet pero xorta irrispondiet ghal dawn is-sottomissjoniiet. Il-Qorti tal-Magistrati injorat dawn il-kwistjonijiet u ma accennatx ghalihom.

L-appell, dak li qed jigi trattat mill-gdid issa, li sar mill-konvenut iressaq dawn l-aggravji:
1. Illi l-klawsola tmur kontra d-dettami tal-artikolu 19 tal-Kap. 452 cioe artikolu ta' ordni pubbliku u billi dak li hu kontra l-ligi ma jista' qatt ikollu l-effetti ta' obbligazzjoni bhala validament kontrattata l-klawsola ma seta' qatt kellha effett;
2. Illi l-klawsola kienet in restraint of trade u ghalhekk kontra l-ordni pubbliku;
3. Interpretazzjoni hazina tal-klawsola u l-impjieg differenti assunt mill-konvenut meta spicca mill-impjieg mas-socjeta attrici.

Is-socjeta attrici irrispondiet illi l-ewwel zewg aggravji ma kienu qatt jifformaw parti mill-kontestazzjoni tal-konvenut u kienu gew ventilati bhala sottomissjonijiet fl-ewwel istanza wara l-gheluq tal-provi. Xorta pero irrisponda ghal dawn l-aggravji fir-risposta tal-appell kif irrisponda ghat-tielet aggravju.

## L-ewwel aggravju

Din il-Qorti, kif kkunsidrat, mhix ser terga' tissindaka l-ewwel aggravju dwar l-applikabilita tal-artikolu 19 tal-Kap. 452 ghal kaz in ezami billi dan l-aggravju kien il-mertu trattat minn din il-Qorti fir-rikors ta' ritrattazzjoni fil-fazi 'in rescindente' u ddikjarata bhala inapplikabbli u kwindi hassret is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ibbazata fuq l-applikabilita ta' dan l-artikolu ghal kaz in ezami. Din il-Qorti hi marbuta b'dan id-decide li wasslet ghall-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, u kwindi tqis dan l-aggravju bhala mhux misthoqq u gia ezawrit bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Gunju 2013.

## It-tieni aggravju

Hu minnu illi dan l-aggravju qatt ma tressaq bhala eccezzjoni formali mill-konvenut u illi in linea ta' principju dak mhux imressaq bhala eccezzjoni anki fi proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati meqjusa sommarji ma ghandux jigi kunsidrat mill-Qorti ghalkemm tkun tressqet sottomissjoni dwar il-kwistjoni pero l-ilment illi l-klawsola fil-kuntratt ta' impjieg kienet in restraint of trade, hi kwistjoni ta' ordni pubbliku. Din tista' titqajjem mill-Qorti anki ex officio, ovvjament bid-debita kawtela li l-partijiet ikollhom id-dritt iressqu l-provi u jaghmlu s-sottomissjonijiet dwarha. Il-Qorti tqis illi tenut kont li l-partijiet ssottomettew dwarha kemm quddiem l-ewwel Qorti, ghalkemm din il-kwistjoni giet injorata mill-Qorti, u regghet giet ventilata fl-appell odjern u trattata, il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghandha tigi kunsidrata mill-Qorti. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza **Joseph Xerri nomine vs Brian Clarke**, (QK 31/07/1969) u qalet hekk:
"there is no specific provision of codified law in Malta about clauses in restraint of trade as such, and jurisprudence or judicial precedent is not apparently abundant, but it may safely be asserted that if clauses in restraint of trade may be impugned at all – and they certainly can in deserving cases – the heading under which an exercise of this sort may be attempted is Section 1028 (illum Artikolu 985) of the Civil Code which provides that things which are impossible, or prohibited by law, or

contrary to morality, or to public policy, may not be the subject matter of a contract.”;

Kif intqal mill-Qort fil-kawza **Attilio Vassallo Cesareo nomine vs Anthony Cilia Pisani**, App Civ 03/03/2006:
“Ghal kuntrarju tas-sitwazzjoni lokali, fl-Ingilterra klawsoli bhal dawn kienu jifformaw is-suggett f’decizjonijiet sekolari. Storikament ghall-bidu u in linea generali r-regola addottata kienet li kuntratti bi klwasoli in restraint of trade kienu jitqiesu invalidi. Eventwalment beda jigi accettat il-kuncett ta’ “partial restraint if reasonable and not contrary to the public interest (**Ansons’s Law of Contract**, 23rd Edition, pagna 333);

“Fil-qaghda attwali jidher li l-qofol tad-duttrina fuq din il-materja hi dik bazata fuq l-enuncjazzjonijiet u l-kriterji stabbiliti fid-decizjoni tal-House of Lords fl-ismijiet “**Nordenfelt vs Maxim Nordenfelt Guns and Ammunition Co. Ltd**” [1894], kif ukoll f’sentenzi posterjuri, jigifieri:-

“1. All restraints of trade, in the absence of justifying circumstances, are contrary to public policy and therefore void;
2. It is a question of law for the decision of the Court whether the special circumstances adduced do or do not justify the restraint; and if a restraint is not justified, the Court will, if necesssary, take the point, since it relates to a matter of public policy, and the Court does not enforce agreements which are contrary to public policy;
3. A restraint can only be justified if it is reasonable (a) in the interests of the contracting parties, and (b) in the interests of the public;
4.The onus of showing that a restraint is reasonable between the parties rests upon the person alleging that it is so, that is to say, upon the covenantee. The onus of showing that, notwithstanding that a covenant is reasonable between the parties, it is nevertheless injurious to the public interest and therefore void, rests upon the party alleging it to be so, that is to say, usually upon the covenantor. But once the agreement is before

the Court it is open to scrutiny in all its surrounding circumstances as a question of law." – Anson, op. cit. Pagni 335-336;

"Ghal dak li jirrigwarda stipulazzjonijiet bejn principal u impjegat f'kuntratt ta' impjieg dawn il-principji rcevew applikazzjoni. Dan fis-sens illi filwaqt li gie rikonoxxut id-dritt ta' min ihaddem illi jipprotegi l-interessi kummercjali tieghu ghal dak li huma "trade secrets" u li jinibixxi "the misuse by the employee of his acquaintance with the employer's clients or customers" eppure il-kostringiment irid ikun relatat man-natura ta' l-impjieg fejn allura min ihaddem jigi akordat harsien akbar fil-kaz ta' impjegat f'kariga gholja, ad exemplum, "managing director". Inoltre il-patt tar-restraint irid jillimita l-attivita` lavorattiva jew industrijali ta' l-impjegat ghal zmien jew cirkondarju determinat li ma jkunx irragjonevoli;

L-awtur **Norman Selwyn**, 'Law of Employment', 15th Edition, 2008, para. 19.24, ighid hekk:
"There are four legitimate interests in respect of which the employer is entitled to limited protection, namely (a) trade secrets and confidential information, (b) existing customers and connections, (c) working for competitiors, and (d) enticing existing employees".

Kwindi jidher pacifiku illi l-linja gwida ta' kull kundizzjoni li timponi r-restrizzjoni lavorativa ta' impjegat huma r-ragonevolezza tal-kundizjoni f'sens ampju u l-iskop limitat fi spazju u zmien tar-restrizzjoni.

F'dan il-kaz dak li rrizulta lil Qorti hu illi l-konvenut accetta volontarjament kondizzjoni fil-kuntratt ta' impjieg tieghu illi sa zmien sentejn mit-terminazzjoni tal-impjieg tieghu ma jaccettax impjieg iehor ma klijenti tal-principali li fi zmien sentejn qabel it-terminazzjoni kienu gia klijenti tal-principal. Il-ksur ta' din il-kundizzjoni kienet tikxef lil impjegat ghal danni pre likwidati favur il-principal fis-somma ta' Lm2,000.

Hu car li l-iskop tal-klawsola kienet intiza sabiex il-principal ikun sa certu punt protett kontra divulgar ta'

informazzjoni jew sigrieti minn impjegati tieghu li jaccettaw impjieg ma' klijenti tal-istess principal. Din il-kundizzjoni hi forma ta' deterrent ghall-impjegat milli jbiddel l-impjieg tieghu u jinghaqad mill-ewwel ma klijent u potenzjalment kompetitur tal-istess principal jew li l-principal il-gdid ikollu facilita akbar ta' informazzjoni fuq klijenti ohra tal-ex principal tal-impjegat b'detriment ghar-reputazzjoni tal-istess ex principal u l-klijenti tieghu.

Il-Qorti wara li qrat il-limitazzjoni imposta tqis li din il-kundizzjoni la hi wahda irragonevoli, kapricjuza, jew generika li tirrisstringi kompletament il-kapacita lavorativa tal-konvenut fil-kamp li hu kwalifikat. Dan jinghad peress illi fl-ewwel lok ir-restrizzjoni hi biss fil-konfront ta' klijenti tas-socjeta attrici. Dan ifisser illi l-konvenut hu liberu li jahdem ghal rasu, jew ma' ditta jew persuni ohra fl-istess kamp anki jekk kompetituri tal-ex principal tieghu basta dawn mhux klijenti. Il-limitazzjoni tirrigwarda biss 'klijenti' u billi s-socjeta attrici mhix l-unika ditta ta' awditrui f'Malta, allura ma jistax jinghad li l-kundizzjoni f'dan l-aspett hi irragonevoli u tohnoq lil konvenut milli jsib impjieg. Din il-kundizzjoni hi differenti minn dik li kienet l-iskop tal-vertenza fil-kawza **Attilio Vassallo Cesareo nomine vs Anthony Cilia Pisani** fejn il-kundizzjoni hemmhekk kienet ta' restrizzjoni generika ghal ahhar u generali fil-portata taghha li ma halliet kwazi ebda ftuh ta' impjieg iehor lil impjegat ghal perjodu ta' restrizzjoni fl-istess kuntratt. Il-kwistjoni fil-kawza **Joseph Xerri nomine vs Brian Clarke** wkoll kellha fattispecie differenti billi hemmhekk il-konvenut kien Ingliz u ghalhekk ir-restrizzjoni f'Malta fejn is-suq hu zghir ma tqiesitx irragonevoli.

Il-Qorti tkompli izzid billi tqis illi l-perjodu ta' restrizzjoni ta' sentejn hu wiehed qasir u in oltre r-restrizzjoni fiha nfisha hi limitata ghal klijenti tal-principal li kienu klijenti tul l-ahhar sentejn qabel tmien l-impjieg tal-impjegat. Dan ikompli juri kemm il-limitazzjoni kienet qed tigi ristretta ghal essenzjal b'mod illi l-impjegat kellu kejl car tar-restrizzjoni limitata meta ghazel li jiffirma l-kuntratt tax-xoghol tieghu.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-ammont ta’ Lm2,000 multa fih innifsu hu ammont ta’ danni li hu ta’ deterrent biex impjegat ma jiksirx il-kundizzjoni ta’ ghazla ta’ principal pero mhix tali li jelimina ghal kollox il-liberta ta’ xoghol tal-impjegat ma’ min irid peress illi d-danni pre likwidati huma tant gholjin li jitqiesu kapriccuzi u fejn ma jhallux ebda ghazla lil impjegat. Ovvjament il-quantum ta’ danni pre likwidati akkordati jitqies ragonevoli fl-isfond tal-kundizzjoni tenut kont tal-grad ta’ impjieg tal-impjegat, il-fiducja riposta fih minhabba l-impjieg, is-salarju tieghu u fatturi ohra li jimpingu wkoll fihom infushom fuq kemm il-kundizzjoni kinitx ragonevoli u titqies bhala eccezzjoni gustifikata kontra l-principju li ma jkunx hemm ’restraint of trade’.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi l-ghazla libera tal-konvenut li jimpjega ruhu ma’ klijent tal-ex principal tieghu marret direttament kontra l-kundizzjoni 7.5 tal-kuntratt ta’ impjieg kif ampjament jirrizulta bhala fatt mill-provi prodotti u illi tali kundizzjoni ma tistax titqies inapplikabbli billi hi ’a fair and reasonable condition’ li l-partijiet ghogobhom jintrabtu biha fil-limiti ta’ dak permissibbli.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**It-tielet aggravju**

L-appellant Geoffrey Camilleri jilmenta illi ma kienx hemm ksur ta’ kundizzjoni ta’ impjieg billi l-impjieg tieghu mal-MFSA ma kellu x’jaqsam xejn mal-pozizzjoni ta’ awdituri li kellu mas-socjeta attrici.

Din il-Qorti ma tikkondividix din il-linja ta’ argument tal-appellant Camilleri. Il-Qorti thobb tikkwota s-sentenza fil-kawza **Salvu Fenech vs Malta Dairy Products Limited**, (PA 30/10/2003) li tghid hekk:
Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu.

Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet.

Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda.

In oltre jinghat hekk fis-sentenza **Farrugia vs Piscopo**, App 31/05/1943:
”Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta’ bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jifteihmu fuqu nizzluh f’dik l-iskrittura. Ghalhekk m’ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti idahhal f’dak il-ftehim klawzoli ohra li mill-kitba ma jirizultawx, jekk ma jkunux klawzoli sekondarji li jkunu qieghdin ifissru jew jiccaraw il-klawzoli principali.

Dan hu principju kostanti fil-gurisprudenza Maltija u ghandu jsib applikazzjoni hawnhekk. Il-patt bejn il-kontendenti kien car u inekwivoku. Il-konvenut Camilleri obbliga ruhu li ma jsibx impjieg ma’ klijenti tas-socjeta attrici entro sentejn mit-terminazzjoni tal-impjieg. L-enfasi hi fuq il-kelma klijenti. Hu pacifiku illi l-MFSA kienet klijenta tas-socjeta attrici. Il-Qorti ma tqis rilevanti li l-MFSA ma tistax tiqies bhala kompetitur billi hi nfisha hi korp regolatur mhux socjeta ta’ awdituri kif inhi s-socjeta attrici. Lanqas ma jitqies rilevanti illi l-konvenut impjega ruhu f’kapacita lavorativa differenti minn dik li kellu mis-socjeta attrici jew li ma kienx wisq midhla jew imdahhal mas-servizzi professjonali prestati mis-socjeta attrici lil MFSA, il-principal il-gdid tal-konvenut. Il-ftehim bejn il-kontendenti kien jirreferi ghal ’impjjieg’ u ’klijenti’ bla ebda distinzjoni, kwalifika jew restrizzjoni. Fejn il-kliem tal-patt tkun car din il-Qorti ma tistax tissindakah sakemm ma jirrizultax car mill istess ftehim jew mill-partijiet infushom li

l-intendiment kien xort'ohra. F'dan il-kaz dawn l-estremi ma jirrizultawx u din il-Qorti taqbel perfettament mar-ragunament tal-Qorti tal-Magistrati fuq din il-kwistjoni li fuqha bbazat id-decizjoni taghha. La darba stabbilit illi l-konvenut ivvjola d-divjet preciz fil-kuntratt ta' impjieg li hu ffirma liberament jiskatta d-dritt tas-socjeta attrici ghad-danni pre likwidati miftehma ghal dan l-iskop.

Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tiddisponi minn dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni fil-fazi 'in rescissorio', billi tichad l-appell ta' Geoffrey Camilleri u tikkonferma d- decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tat-22 ta' Frar 2011; bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra Geoffrey Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------